MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 272/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Anthony Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anthony Grech bin il-mejjet Pawlu u l-mejta Josephine nee' Mifsud, imwieled Rabat (Malta) fl-1 ta' Jannar 1956 u residenti 41, 'SANT ANTNIN', Triq il-Mithna, Rabat li ghandu numru tal-karta tal-identita' numru 21256(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-23 ta' Jannar, 2010 ghal habta ta' bejn il-11.00pm., u l-11.45pm., waqt li kien fil-post maghruf bhala 'il-Barri Restaurant' li qieghed f'Wesghat il-Gublew, Mgarr (Malta),

tefa tazza fid-direzzjoni ta' certu Giovanni Maria Abela bil-konsegwenza li l-istess tazza laqtitu fuq mohhu u kkagunalu offiza ta' natura gravi u dan skont ma kif iccertifika t-tabib Dr. G. Micallef MD (Reg. 3230) tac-centru tas-sahha tal-Mosta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta' Mejju, 2011 (esebita a fol. 76 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 214, 214, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2012, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fit-23 ta' Jannar 2010 bejn il-11.00pm u l-11.45pm fil-post maghruf bhala Il-Barri Restaurant li jinsab f'Wesghat il-Gublew, Mgarr (Malta) fejn Giovanni Maria Abela sofra griehi ta' natura gravi. Mill-provi rrizulta li l-imputat u Giovanni Maria Abela kienu qed jixorbu fl-imsemmi bar fuq imwejjed separati u f'xi hin inqala' disgwid bejniethom fejn l-imputat waddab tazza tal-hgieg li spiccat sabiex laqtet lil Abela f'wiccu, precizament f'mohhu fejn huwa kellu griehi konsistenti f'zewg lacerazzjonijiet li gew certifikati bhala ta' natura gravi minn Dr. Glenn Micallef[1]. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar kif sehhew l-affarijiet. Mill-banda l-wahda il-parti leza

[1] Ara certifikat mediku relativ inserit a fol. 15 tal-atti processwali u xhieda tal-imsemmi tabib inserita a fol. 57 u 58 tal-atti processwali.

Giovanni Maria Abela li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2010 spjega li huwa kien qieghed fil-Barri Restaurant jixrob il-birra ma erba' hbieb u fuq mejda ohra kien hemm l-imputat Anthony Grech ma siehbu. Huwa qal li shabu telqu ghall-habta tal-11.30pm u huwa baqa' hemm u fil-bar kien ghad fadal l-imputat u siehbu. Abela jghid li dan tal-ahhar beda' jkellmu u gabulu tazza nbid filwaqt li l-imputat beda' jwaqqghu ghac-cajt u huwa ghalhekk qallu erba' darbiet in fila sabiex ma jergax ikellmu. Abela qal li meta l-imputat u siehbu kienu hergin il-barra l-imputat qabad it-tazza tal-inbid li Abela kellu quddiemu u waddabha lejn wiccu u laqtu fuq mohhu lejn il-lemin. Abela jghid li l-imputat u siehbu baqghu hergin il-barra u huwa gie mdewwi minn waiter u sussegwentement gew il-Pulizija lli cemplu ghal ambulanza u mbaghad ittiehed il-Policlinic fejn sarulu xi punti. Huwa innega li kien mar ghall-imputat b'siggu jew li kien offendih. Huwa qal ukoll li kien ilu jixrob fil-bar mit-8.00pm.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 13 u 14 tal-atti processwali kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[2] dejjem sostna li huwa kien qieghed fl-imsemmi bar ma siehbu Michael Saliba u fuq mejda ohra ftit 'il boghod kien hemm Giovanni Maria Abela ma shabu. L-imputat sostna li malli telqu il-hbieb ta' Abela dan qam minn fuq il-mejda li kien fuqha u mar ghalih b'siggu. L-imputat jghid li huwa zamm is-siggu sabiex Abela ma jsawtux bih u fl-istess hin resaq lura u f'dak il-mument Abela qabad plattina tal-karawett u waddabielu u huwa ghalhekk qabad tazza tal-inbid u waddabha lejn Abela fejn dan tal-ahhar spicca sabiex intlaqat f'wiccu. L-imputat jghid li huwa ma riedx jolqot lil Abela izda kien biss qed jiddefendi lilu nnifsu u spjega li malli ra d-demm hiereg minn wicc Abela hu u siehbu hallsu l-kont u telqu l-barra peress li huwa jipprendi d-demm. Din il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet pjenament korroborata minn Michael Saliba li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udejnza tal-15 ta April 2011. Stephen Sammut il-propjetarju tal-bar li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-12 ta'

[2] Traskrizjoni tax-xheida inserita a fol. 79 et sequitur tal-atti processwali.

Novembru 2010 jghid li huwa ma ra xejn ghaliex huwa kien qed inaddaf wara il-bar meta sema' l-istorbju u hareg minn wara l-bar sabiex iferraq lil Abela u lill-imputat li kienu qed jiggieldu.

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt li huwa ben stabilit li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa in legittima difesa wara li gie atakkat minn Giovanni Maria Abela b'siggu u wara li dan waddablu plattina. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat mhux biss hija korroborata minn Michael Saliba izda hija wkoll korroborata minn sid il-bar Stephen Sammut li ghalkemm jghid li ma rax kif bdiet il-glieda jghid li meta sema' l-istorbju huwa hareg minn wara l-bar u mar iferraq lil Abela u lill-imputat li kienu qed jiggieldu. Dan jikkontradixxi dak li sostna Abela li qal li huwa kien u baqa' bil-qeghda fuq il-mejda tieghu u li l-imputat waddablu t-tazza waqt li kien hiereg il-barra mill-hanut filwaqt li jikkorrobora dak li qal l-imputat li Abela qam ghalih u huwa ddefenda lilu nnifsu. Il-Qorti zid tghid ukoll li meta semghat lil Giovanni Maria Abela jixhed quddiemha viva voce il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda geghlha tiddubita serjament mill-kredibilita tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------